**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 771/2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Carmel Montebello**
**-omissis-**
**Joseph Montebello**
**Angelo Montebello**
**-omissis-**
**-omissis-**

*Sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni*

**Illum, 12 ta' Lulju 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Carmelo Montebello**, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 142663M.

**-omissis-**

**Joseph Montebello**, detentur tal-karta ta' l-Identità bin-numru 397164M.

**Angelo Montebello**, detentur tal-karta ta' L-Identità 728636M.

**-omissis-**

**-omissis-**

Lil Carmelo Montebello, -omissis-, Joseph Montebello u Angelo Montebello in rapprezentanza tas-socjetà Montebello Enterprises Ltd u fil-kapacità tagħhom bħala diretturi tal-istess socjetà u lil –omissis– u –omissis–, akkuzati talli:

f'dawn il-Ġżejjer, f'diversi jiem fis-snin 1998 u 1999, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamiltu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejtu b'qerq ieħor, ingannajtu jew billi urejtu ħaġa b'oħra sabiex iggiegħlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila setgħa fuq haddieħor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamiltu qligħ li jeċċedi l-elf lira Maltin (LM1000) għad-detriment ta' diversi sidien ta' vetturi mixtrija mingħand Montebello Enterprises Ltd;

Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi, xjentement għamiltu użu minn dikjarazzjonijiet jew ċertifikati foloz;

U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, għamiltu falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamiltu użu minn xi dokument ieħor falsifikat;

Lil Carmelo Montebello, -omissis- Joseph Montebello, Angelo Montebello u -omissis- akkuzati talli

fl-istess ċirkostanzi għamiltu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħloqtu pattijiet, dispozizzjonjiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kien ġew iffirmati, inkellha billi żidtu jew biddiltu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi, xjentement għamiltu użu minn att, kitba jew skritturi falza;

Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi, billi għamiltu użu mhux sewwa minn xi karta fdata lilkom in bjank bil-firma biss, bi ħsieb ta' qligħ, ktibtu fuqha xi ħaġa li kienet ta' ħsara għal persuni oħra;

U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, sabiex tiksbu xi vantaġġ jew beneficcju għalikom jew għal haddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamiltu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajtu tagħrif falz.

Lil - omissis -

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fir-rigward ta' Carmelo Montebello, -omissis-, Joseph Montebello u Angelo Montebello barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 121D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-każ, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-procedura hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-18 ta' Dicembru 2017.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati tal-21 ta' Marzu 2018.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar il-preskrizzjoni.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija sentenza preliminari dwar il-preskrizzjoni.

Illi l-Prosekuzzjoni tissottometti principalment illi l-kaz odjern si tratta minn reat kontinwat u ladarba l-hati ma kienx maghruf ma tibdiex tiddekorri l-preskrizzjoni.

Id-Difiza tikkontendi illi minn meta l-allegat hati sar maghruf, ma ttiehdux passi mmedjati tant li l-akkuzi kienu lahqu gew preskritti meta ttiehdu dawn il-proceduri.

**Il-principji applikabbli**

**Reat kontinwat**

Ghar-reat kontinwat u r-reat permanenti (continuing offence) ir-regoli tal-preskrizzjoni mhumiex l-istess. Difatti skond l-artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali, filwaqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali z-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta' reat permanenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

Jezisti r-reat kontinwat (continuous offence) meta jkun hemm diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (art. 18 tal-Kodici Kriminali)[1].

Illi fil-kaz in ezami l-perijodu preskrittiv hu dak kontemplat fil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni "bl-eghluq ta' hames snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena". Dan stante illi l-ligi applikabbli hija dik fiz-zmien li sar ir-reat u mhux il-ligi applikabbli illum li minn dakinhar lil hawn giet emendata u tippreskrivi piena ghola.

---

[1] Appell Kriminali Numru. 61/2011 Il-Pulizija v. Christopher Coleiro, 22 ta' Novembru, 2012; Il-Pulizija v. Lorenzo sive Lorry Cuschieri, Qorti tal-Magistrati, 30 ta' Ottubru 2001.

Dan ukoll in vista tal-principju li bhala piena trid tigi applikata dik l-aktar favorevoli ghall-imputat.

**Il-Preskrizzjoni u l-principju li z-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf.**

L-artikolu 692 tal-Kapitolu 9, Kodici Kriminali, jipprovdi illi z-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf.

Dwar il-preskrizzjoni l- Professur Mamo, Notes of Criminal Procedure, pagna 33-34 jghid:

> *"Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles.*
>
> *The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either because the commission of the offence is ignored, or because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664 [illum art. 692] lays down that in respect of crimes prescription does not run when the offender is unknown. This word 'unknown' has been construed as*

*meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender.*

*In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin (Law Reports, Vol. XXV, Pt. iv, p. 936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the prosecutor. The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands.*

*The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro, 26/7/412, because as the Court observed, the rule 'contra non valentem agire non currit praescriptio' admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters.".*

Hekk ukoll gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Lucia Farrugia v. Ganni Coleiro deciz fis-26 ta' Lulju 1941 per Imhallef W. Harding, Vol. XXXI.iv.407, u Police v. Agius, 3/2/47.

Illi dawn il-punti ilhom stabbiliti u mhaddna mill-Qrati taghna. Fil-kawza **Rex vs Giovanni Buhagiar** deciza fis-26 t'Ottubru 1906, il-Qorti qalet hekk: "La parola 'ignoto' adoperata nell'articolo (692) importa nell'autorita' incaricata a scoprire i reati una ignoranza assoluta dell'autore di un delitto.'.

**Il-Fatti tal-kaz**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li hekk kif il-Prosekuzzjoni saret taf bir-reat immedjatament bdiet bl-investigazzjonijiet taghha. Il-possibilità ta' reat giet a konoxxenza tal-Pulizija fl-2004. Il-Prosekuzzjoni immedjatament baghtet ghal diversi nies u cioè x-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni li kienu akkwistaw xi vettura minn ghand l-imputati. U wara li ghamlet l-investigazzjonijiet taghha, harrket lill-imputati fis-17 ta' Settembru 2004, kif jirrizulta mic-citazzjoni a folio 1 tal-process. Illi l-ewwel smigh tal-kawza, kif jirrizulta mill-atti processwali u senjatamenti a folio 26-71, sar fis-26 ta' Ottubru 2004 u l-imputati gew mitkellma fl-24 ta' Ottubru 2004, skont l-istqarrijiet rilaxxjati minnhom esebiti a folio 50-51, 52-54, 55-56, 57-58, 61-62 tal-process. Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni agixxiet malli saret taf bil-kaz u bil-persuni suspettati u l-kwerelant agixxa wkoll malli sar jaf u permezz tal-kwerela tieghu talab lill-prosekuzzjoni tinvestiga l-kaz. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-argumenti mressqa mid-Difiza illi l-preskrizzjoni ghandha tibda tghaddi mill-jum li sehh l-allegat reat u cioè fl-1995. Il-preskrizzjoni ghandha tibda mil-jum meta l-allegat hati jsir maghruf.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-atti processwali jirrizulta ghalhekk li l-imputati tressqu quddiem il-Qorti fi zmien qasir hekk kif tlestiet l-investigazzjoni. Ma hemmx dubju

li t-trapass taz-zmien kien relattivament qasir u zgur anqas minn hames snin minn meta l-allegat hati sar maghruf lill-Pulizija u lill-kwerelant.

Id-Difiza tibbaza dan l-argument taghha li l-preskrizzjoni ghandha tibda tiddekorri mis-sena 1995, bhala fatt, fuq dak li qal wiehed mix-xhieda u cioè Louis Herbert Saliba a folio 95 tal-process. Ix-xhieda però ghandha tigi kunsidrata fit-totalità taghha u mhux parti minnha biss. Dan qed jinghad ghaliex fil-fatt ix-xhud ikompli jghid li huwa hareg mill-ufficcju fejn iltaqa' ma' Charlie Montebello mohhu mistrieh li l-vettura mixtrija minnu kienet tal-1994. Fil-fatt jghid "...serrahli rasi li l-van huwa tan-1994". Dan ghalhekk ifisser li f'dak l-istadju dan ix-xhud kien konvint minn din il-verzjoni.

Illi in oltre l-akkuza ma tirrigwardax il-vettura li giet mibjugha lil dan ix-xhud biss izda tirrigwarda diversi reati li allegatament saru fi zminijiet differenti. Fil-fatt ix-xhieda l-ohra u cioè Armando Bugeja a folio 65-67 tal-process, Carmelo Attard fix-xhieda tieghu a folio 112-113 tal-process, Stephen Abela a folio 114-115 tal-process, Joseph Sammut a folio 116-117 tal-process u Kevin Mifsud a folio 121-122 tal-process, fil-fatt dawn ix-xhieda kollha qalu li huma gew ingannati dwar id-data ta' manifattura tal-vetturi li xtraw kull wiehed rispettivament u li kieku kienu jafu bis-sena proprja ta' manifattura ma kinux jixtru l-vettura jew ma kinux ikunu lesti jhallsu daqshekk taghha.

Illi huwa minnu wkoll illi x-xhud Joseph Sammut a folio 117 tal-process jghid: "minkejja dan jiena ma kont ghamilt xejn dwarha" izda hawn hekk wiehed irid jikkunsidra x-xhieda b'mod holistiku u mhux bran wiehed biss.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li l-preskrizzjoni ghandha tibda tiddekorri mid-data tal-bejgh tal-vettura jew minn xi data ohra fejn l-

akkwirent kien ghadu konvint li kollox kien f'postu u kif jidher prima facie mid-dokumenti ufficcjali mahruga mill-awtorita kompetenti u cioè l-logbook relattiv.

Illi fir-rigward tas-sottomissjonijiet maghmula mid-Difiza fil-mertu dwar l-ammissibilita o meno tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u l-valur probatorju taghhom, f'dan l-istadju l-Qorti ma hiex se tezamina tali punti stante li din hija sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni biss.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad din l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-imputati.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur